**1 ta' Marzu, 1963**

**Imhallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Anthony V. Cauchi noe

*versus*

Wilfred Podestà, Housing Secretary

**Requisition Order — Inkwilin — Rikonoxximent — Serious hardship**

*Il-fatt li l-fond rekwiżizzjonat ikun jirrekjedi riparazzjonijiet estiżi u s-sid jkollu bżonn flus f'idejh ma hiex raġuni suffiċjenti biex is-sid ma jirrikonoxxix lill-persuna lil min tali fond jkun ġie allokat. Tali "hardship" jirriferixxi għar-"requisition" u mhux għall-allokament.*

*Il-Qorti, rat ir-rikors li bih ir-rikorrent nomine wara li es*pona li hu kien ġie notifikat bir-Requisition Order No. 20941 dwar id-dar numru 14, Milner Street, Sliema, allura mikrija lil Captain Joseph Ullo, li miet in segwitu, u wara li hu ġie notifikat mill-intimat nomine uffiċjalment b'ittra tas-sittax (16) ta' Novembru 1962, b'dan kien daħħal fl-istess dar lil Antoine Camilleri u ġie fl-istess ħin interpellat biex jirrikonoxxi lil dana Camilleri fis-sens tal-Artikolu 8 (1) tal-1949, u wara li espona wkoll li b'ittra uffiċjali tal-erbatax (14) ta' Diċembru, 1962, hu kien avża lill-intimat li ma kellu ebda ħsieb jikri d-dar peress li din tirrikjedi spejjeż rilevanti ta' riparazzjoni straordinarja, speċjalment fis-soqfa, u xi katusi, u li ried ibiegħ id-dar biex bil-prezz iħallas taxxa tas-suċċessjoni dovuta l-Ingilterra, barra minn taxxi oħra b'mod li l-pretensjoni tal-intimat li jġiegħlu jirrikonoxxi lil inkwilin terrekalu (lir-rikorrenti nomine) "serious hardship" talab li ġiji meħlus mill-obbligu li jagħmel dana r-rikonoxximent peress li hu jippreferixxi jħalli d-dar battala u ma jesponix ruħu għall-ispejjeż straordinarji ġa msemmija sakemm isib ibiegħha meta l-obbligu jgħaddi fuq ix-xerrej.

Rat ir-risposta ta' l-intimat nomine, li biha qal li r-raġuni mogħtija mir-rikorrent nomine, ma tikkostitwix is-serious hardship li huma meħtieġ taħt l-artikolu 8 (3) tal-Housing Act, 1949, biex tiġi milqugħa t-talba tiegħu. Infatti tant jekk

ir-rikorrent jirrikonoxxi lil Antoine Camilleri bħala inkwilin kemm jekk ma jirrikonoxxihx, l-obbligu tiegħu jibqgħu dejjem *identiċi* ċioè dawk ta' lokatur skond kif hu espressament dispost fl-Artikolu 6(1) tal-Att fuq imsemmi, u għalhekk talab li t-talba tiġi miċħuda.

Semgħet lir-rikorrent nomine bil-ġurament u l-provi l-oħra prodotti u rat l-atti l-oħra tar-rikors;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:—

Illi kif jirriżulta mill-provi mismugħa l-fond in kwistjoni kien mikri għand terza persuna li rrinunzjat għal-lokazzjoni, wara li rċeviet ir-rekwiżizzjoni, b'effett mill-għeluq tal-perjodu tal-lokazzjoni korrenti u ċioè mid-dsatax (19) ta' April, 1963; ir-rikorrent ġie avżat b'dan però hu ma kienx dispost li jirrikonoxxi lil persuna li lilha ġie allokat il-fond, u ppreżenta l-proċedura preżenti biex ikun awtorizzat ħalli ma jirrikonoxxix lil dina l-persuna bħala l-inkwilin tal-fond.

Illi taħt dawn iċ-ċirkostanzi m'hemmx lok ħlief li l-Qorti tara jekk iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti ġġagħlux ibati konsegwenzi ħorox fis-sens tal-Artikolu 8(3) tal-Att numru II tal-1949.

Illi dawn l-konsegwenzi, skond ir-rikors u skond ix-xhieda tar-rikorrent nomine stess, jikkonsistu fil-fatt li hu, in vista tal-kondizzjoni tal-fond li jirrikjedi aktarx spiża rilevanti għal xogħol f'soqfa (u jingħad aktarx billi ma saret ebda prova teknika diretta fir-rigward) mentri li s-sid għandha bżonn ta' flus likwidi f'idejha u għal dan l-iskop tixtieq tbiegħ l-istess fond, jinsab imfixkel f'dak li jixtieq jagħmel jekk jirrikonoxxi bħala inkwilin lil persuna imqiegħda fil-fond mill-intimat nomine.

Jiżdied jingħad li r-rikorrent nomine, għall-bqija u b'mod partikolari riferibilment għall-persuna hekk akkommodata fil-fond, huwa m'għandu x'jigħid xejn.

Illi fil-ħsieb tal-Qorti r-raġunijiet adotti mir-rikorrent nomine, jirriferixxu iżjed għar-rekwisizzjoni per sè milli għar-rikonoxximent tal-persuna mqiegħda fil-fond wara l-ħruġ u esekuzzjoni tal-istess rekwiżizzjoni, infatti r-rekwiżizzjoni per sè *tista' ġġib il-konsegwenzi* lamantati mir-rikorrent nomine, u ċioè indipendentement mill-persuna lil min il-fond ġie allokat. Hu ovvju però li fil-proċedura preżenti l-Qorti għandha biss quddiemha l-kwistjoni tar-rikonoxximent o meno ta' din l-persuna u li l-konsegwenzi ħorox li tista' għalhekk tikkunsidra huma dawk biss li jitnisslu minn rikonoxximent simili. Issa kif intqal, ir-rikorrent nomine ma jsemmi xejn kontra l-persuna hekk akkomodata fil-fond u anzi espressament xehed li għaliha "ma hemm l-ebda oġġezzjoni (fol. 12), u hekk jiġi *li fil-fatt ebda prova ma saret li r-rikonoxximent in kwistjoni* jista' jġib il-konsegwenzi li jsemmi r-rikorrent, f'dana s-sens hija sostanzjalment ir-risposta ta' l-intimat nomine għat-talba preżenti, li taħt dan l-aspett u għall-konsiderazzjonijiet premessi ma tistax tiġi akkolta.

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nomine.